MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007

Numru 776/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Abdilla)**

**vs**

**Francis Ebejer**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Francis Ebejer ta' 60 sena iben il-mejjet Joseph u il-mejta Victoria nee' Grech mwieled Sliema fl-01 ta' Awissu 1947 u residenti gewwa 53 Sant' Elena Sliema detentur ta karta ta identita nru 720047(M) gie akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta' Settembru 2007 gewwa Triq San Giljan u/jew fil-vicinanzi f'xi hin bejn il 8.00 ta filghaxija u 9.00pm

(20.00hrs- 21.00hrs), minghajr il hsieb li joqtol jew li jqieghed il hajja f'periklu car ikkaguna, feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Justine Maria Aquilina minn San Guljan, detentrici ta karta ta identita nru 416181(M).

U aktar talli fl-istess jum hin lok u cirkostanzi f'Malta, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg ta haddiehor, mobli jew immobli meta ghamel hsara fuq vettura DBO 186 ta' ghamlha Hyundai Atos kif ukoll hsara fuq il bieb ta' residenza flat 16 Blk D li jinsab fi Triq Berta Illg Ta Giorni San Giljan ghad dannu ta Justine Maria Aquilina minn San Giljan, liema hsara teccedi il mitt lira Maltin, imma ma teccedix l-elf lira Maltin.

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lill imsemmija Justine Maria Aquilina bil-kliem.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser l-imstrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni lill imsemmija Justine Maria Aquilina waqt il mori tal-kawza kif ukoll f'kas ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok CMA1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u raba' akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu rega' wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u raba' akkuza migjuba kontra tieghu.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Justine Maria Aquilina moghtija fis-Seduta tallum fejn din ix-xhud qalet: "Nikkonferma li jiena l-imputat in kwantu dak kollu dovut lili ghal aspett hlas civili dovut lili dwar hlas civili rigwardanti dan il-kaz l-imputat hallasni dak kollu lili dovut u ghalhekk nghid illi jiena rigwardanti dan il-kaz m'ghandi l-ebda pretenzjonijiet ta' natura civili fil-konfront ta' l-imputat. Niddikjara illi jiena qeghda nirrinunzja ghal azzjoni Kriminali kull fejn huwa rinunzjabbli rigwardanti dan l-kaz fil-konfront ta' l-imsemmi imputat u nghid ukoll li jiena qeghda nahfirlu."

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 216, 325(b) u 338(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Francis Ebejer, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u r-raba' akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak li xehdet Justine Maria Aquilina fis-Seduta tallum u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Francis Ebejer ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u mitt Liri Maltin (Lm100) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputat Francis Ebejer jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tielet akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara procediment esawrit stante rinunzja.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat Francis Ebejer b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) li

jzomm il-kwiet ma’ Justine Maria Aquilina ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Francis Ebejer l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------